

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Novembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-202/09) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/24/KE — Komunikazzjonijiet elettroniċi — Protezzjoni tal-privatezza — Żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2010/C 24/26)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Balta u A.-A. Gilly, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentant: D. O'Hagan, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċessarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, p. 54)

Dispożittiv

(1) Billi m'adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

(2) L-Irlanda hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Novembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-211/09) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/24/KE — Komunikazzjoni elettronika — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2010/C 24/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Balta u M. Karanasou Apostolopoulou, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: N. Dafniou u K. Vasiliki, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli tadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temendi d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, p. 54)

Dispożittiv

(1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temendi d-Direttiva 2002/58/KE, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

(2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 167, 18.07.2009

⁽¹⁾ ĠU C 193, 15.08.2009.